# IL-KNISJA TA' KRISTU
## MISTOQSIJIET LI TA' SPISS ISIRU LILNA

- **X'temmnu intom?**

Aħna nemmnun x-xhieda tal-Bibbja Mqaddsa dwar Alla u l-Iben uniku Tiegħu, Ġesù Kristu. Aħna nħallu l-Bibbja, bħala l-Kelma ta' Alla, u l-Bibbja biss, li sservi bħala l-gwida tagħna għall-ħajja Kristjana, qima u tgħallim (Kolossin 3:17; 1 Korintin 4:6).

- **X'inhi l-Ikla tal-Mulej?**

Meta Kristjani jieħdu l-Ikla tal-Mulej, huma jagħmlu dan *b'tifkira* ta' Ġesù fi stennija tat-tieni miġja Tiegħu (1 Korintin 11:23-26). Aħna nagħmlu dan f'ubbidjenza għall-kmand tal-Mulej: "Agħmlu dan *b'tifkira* Tiegħi" (Luqa 22:19; 1 Korintin 11:24, 25).

- **Għaliex intom tkantaw mingħajr strumenti?**

Meta xi ħadd jattendi fil-laqgħat tal-qima tal-knisja dan mill-ewwel jinnota li aħna nkantaw mingħajr akkumpanjament ta' strumenti mużikali. Billi l-mudell tagħna huwa l-knisja tat-Testment il-Ġdid, li ma kinetx tuża strumenti, il-kant tagħna huwa mingħajr strumenti mużikali (Kolossin 3:16; Efesin 5:19.

- **Għandi jiena nagħti flus?**

Li wieħed jikkontribwixxi flus huwa att ta' qima mill-Kristjani. Kull wieħed minna jagħti skond ma jidhirlu hu minn rajh (1 Korintin 16: 1, 2). Aħna ma nistennewx li l-mistednin jikkontribwixxu. Li Krist-

jan jagħti flus huwa parti mis-servizz tiegħu ta' qima fl-ewwel jum tal-ġimgħa (2 Korintin 9:7; Atti 20:7)

- **Kif jiena nissieħeb fil-knisja?**

Fir-realtà ma hemm ebda kunċett ta' li "tissieħeb fil-knisja" fil-Bibbja. Jekk inti Kristjan, inti fil-knisja, il-Mulej iżidek u mhux int tissieħeb (Atti 2:41).

- **Kif jiena nsir Kristjan/a**

It-tweġiba sempliċi hija li inti ssir Kristjan billi tmut (Luqa 9:23). Inti għandek tmut għal li tafda fik innifsek li tmexxi ħajtek u tibda billi tafda f'Alla biex jagħmel hekk (Rumani 10:9-10; Lhud 11:6). Meta inti tidfen il-persuna l-qadima (Magħmudija), Alla jqajjem persuna ġdida mimlija bl-Ispirtu ta' Kristu (Rumani 6:3-4; Galatin 2:20). Jekk inti tixtieq li tkun taf aktar dwar li ssir Kristjan, kull ma għandek tagħmel huwa li tikkuntattjana għal diskussjoni privata.

- **Xi tgħid jekk jiena kont diġà mgħammed?**

Il-magħmudija hija pprattikata f'varjetà ta' modi u skopijiet fi knejjes differenti. Fit-Testment il-Ġdid, iżda, hemm mod wieħed biss u skop wieħed biss għall-magħmudija. Emmiena adulti kienu mgħaddsa fi Kristu għall-maħfra ta' dnubiethom (Mark 16:16; Atti 2:38). Aħna nipprattikaw il-magħmudija f'dan il-mod nemmnu li hemm konnessjoni bejn il-magħmudija u li tkun salv (1 Pietru 3:21). Jekk int m'intix ċert dwar il-magħmudija tiegħek, aħna ninsabu lesti biex ngħaddu xi ħin infittxu miegħek fil-Bibbja tiegħek dwarha, dwar dik il-magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet (Efesin 4:5; Atti 2:38; 22:16).

Għal aktar informazzjoni ikteb: Knisja Ta' Kristu, Fl. 1, Polythecninc Flats, Ġużè Debono Square, Msida. MSD 10.  Ħin tal-laqgħat: Il-Ħadd: 10.30 a.m.